MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2006

Talba Numru. 434/2005

**Citadel Insurance plc (C21550) fid-drittijiet tal-assigurat taghha Joseph Gatt (ID 293562M) u l-istess Joseph Gatt**

**Vs**

**Zammit Giovanni**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Frar 2005 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm381.17 (tlett mija wiehed u tmenin Lira Maltin u sbatax-il centezmu) rapprezentanti danni sofferti f'incident stradali li sehh fl-14 ta' Dicembru 2001 gewwa Birkirkara.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Prevja li tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li gara fi Triq Domenico

Cachia, Birkirkara fl-14 ta' Dicembru, 2001 li fih kienu involuti il-vettura FAU 805 propjeta` tal-attur Joseph Gatt, u l-vettura EAR 734 misjuqa mill-konvenut, u dan stante li l-incident sehh unikament minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' tliet mija u wiehed u tmenin lira Maltin, u sbatax-il centezmu (Lm 381.17) rappresentanti danni sofferti u spejjez inkorsi mill-atturi in konnessjoni u bhala kagun tal-incident premess.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali u ta' dik kontestwalment mibghuta ma dan l-avviz a tenur tal-KAP 104, bl-imghaxijiet legali mid-data tal-ittra ufficjali kontra il-konvenut li hu minn issa ngunt in subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Illi fl-ewwel lok, l-atturi ghandhom igibu l-prova ta' l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni f'dan il-kaz.

Illi fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-incident *de qou* sehh minghajr ebda htija da parti tal-konvenut, kif jista` jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi fit-tielet lok, u dejjem minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont ta' danni reklamat mill-atturi huwa eccessiv.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi din il-kollizjoni ssuccediet fid-dahla tal-parking area tas-Smart Supermarket. Filwaqt li l-vettura attrici ried jidhol fil-parking li huwa rizervat ghall-fornituri, il-konvenut kien klient ta' l-istess supermarket. Ried jidhol biex ikun jistghu jghabbi l-mara tieghu u x-xirja taghhom. Mhux kontestat illi l-konvenut kien qieghed fi kju ta' parking jistennew biex jidhlu ghal parkegg.

Mhux kontestat l-anqas illi din il-vettura attrici kienet qed taghmel sorpass lil dawn il-vetturi sabiex tmur dritt thott ix-xoghol li tforni fl-istess supermarket. Li huwa kontestat huwa f'liema mument issuccediet l-istess kollizjoni. Filwaqt illi x-xufier tal-vettura attrici jghid illi kien qieghed miexi ra l-vettura attrici tipponta biex tghaddi fuq il-lane tieghu, dan kellu jieqaf u l-vettura konvenuta, habtet mieghu ma raw l-ebda danni u baqghu sejrin. It-Tribunal huwa ta' l-opinjoni illi kif issugerixxa l-istess konvenut id-daqqa qatt ma setghet issir ghaliex zewg vetturi, t-tnejn weqfin jew wahda tmiss ma l-ohra, l-hsara li hemm fuq l-vettura attrici qatt ma setghet tigi kagunata. Bilfors illi ntlaqtet minn oggett li kienet angulata. Il-konvenut kien qed isuq vettura landrover u kellu bull bars fuq quddiem. Kif gie verbalizzat mill-Pulizija jirrizulta mill-osservazzjonijiet li saru li kien hemm zebgha bajda fuq iz-zewg nahat.

Jigi ribadit ukoll li l-habta saret fuq ix-xellug tal-vettura attrici meta l-istess vettura attrici meta kienet nizla fl-istess direzzjoni. Allura setghet intlaqtet biss minn fuq in-naha tal-lemin tal-vettura konvenuta u mhux min-naha tax-xellug. Jista jkun illi filwaqt li kien qieghed jistenna l-konvenut ra lill-attur hiereg u forsi prova jiskontra biex jew ma jhalliehx jaqbzu jew jistennieh idawwar u kien f'dak il-mument li habtu. Aktar u aktar in vista tal-attur li jallega illi saret allegazzjoni mill-istess konvenut li hadd ma jaqbzu u kien proprio dak il-mument illi dan haseb li l-attur ried jaqbzu u dana kull ma ried imur inizzel ix-xoghol.

Illi l-quantum tad-danni ma giex kontestat u qed jigi akkordat.

Illi giet esebieta ittra ufficjali u dana in vista ta' l-ewwel eccezzjoni.

Jiddeciedi billi jichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u jikkundannah ihallas lill-atturi s-somma ta' tlett mija u wiehed u tmenin lira Maltin u sbatax il-centezmu (Lm381.17), bl-ispejjes u nteressi sad-data tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------